Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15943/24
PV CONS 58
AGRI 814
PECHE 480

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(**Agrikoltura** u **Sajd**)

18 ta' Novembru 2024

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15467/24.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

(a) **Lista mhux leġiżlattiva** 15480/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

(b) **Lista leġiżlattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 15481/24

Agrikoltura

1. **Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni fitosanitarja** ❶C 14737/24 + ADD 1
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* PE-CONS 66/24
approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-6.11.2024 AGRILEG

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Dikjarazzjoni għal dan il-punt tinsab fl-Anness.

Trasport

2. **Direttiva li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll tal-Istat tal-port** ❶C 14965/24
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* PE-CONS 86/24
approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-6.11.2024 TRANS

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 100(2) TFUE).

| | | |
|---|---|---|
| **3.** | **Direttiva li temenda d-Direttiva 2009/18/KE dwar l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-6.11.2024 | 14935/24<br>PE-CONS 90/24<br>TRANS |

<u>Il-Kunsill</u> approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 100(2) TFUE).

| | | |
|---|---|---|
| **4.** | **Direttiva li temenda d-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-6.11.2024 | 14970/24<br>PE-CONS 83/24<br>**+ COR 1 (hr)**<br>TRANS |

<u>Il-Kunsill</u> approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 100(2) TFUE).

| | | |
|---|---|---|
| **5.** | **Direttiva dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal reati ta' tniġġis**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-6.11.2024 | 14941/24<br>PE-CONS 91/24<br>TRANS |

<u>Il-Kunsill</u> approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 100(2) TFUE).

**<u>Attivitajiet mhux leġiżlattivi</u>**

<u>SAJD</u>

| | | |
|---|---|---|
| 3. | Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni<br>*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*<br>*Skambju ta' fehmiet* | 15167/24<br>15106/24<br>+ ADD 1-2 |
| 4. | Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2025<br>*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*<br>*Skambju ta' fehmiet* | 15168/24<br>13354/24 + ADD 1 |

AGRIKOLTURA

5. Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna[1] — 15231/24
*Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri*
*Skambju ta' fehmiet*

**Affarijiet oħra**

**6.** Agrikoltura

**a) Preżentazzjoni ta' Strateġija tal-UE dwar il-Proteini** — 15468/24
*Informazzjoni mill-Ġermanja, f'isem id-Danimarka u l-Ġermanja, appoġġata miċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda u l-Lussemburgu*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja f'isem id-Danimarka u l-Ġermanja dwar Strateġija tal-UE dwar il-Proteini u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

**b) Implimentazzjoni tar-regola N+3 għall-interventi għall-iżvilupp rurali fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK** — 15523/24
*Informazzjoni minn Spanja, appoġġata mill-Bulgarija, iċ-Ċekja, Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

c) Sommarju mill-Presidenza tad-diskussjonijiet dwar l-isfidi u l-perspettivi futuri tas-setturi agrikoli differenti — 15525/24
*Informazzjoni mill-Presidenza*

[1] Fil-preżenza tal-Ministru għall-Politika Agrarja u l-Ikel tal-Ukrajna.

**d)** **Miżuri protettivi skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/1392 għall-importazzjonijiet tal-għasel Ukren fil-Bulgarija u fir-Rumanija** [F2] 15541/24
*Informazzjoni mill-Bulgarija, appoġġata mir-Rumanija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, u appoġġata mir-Rumanija, dwar miżuri protettivi skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/1392 għall-importazzjonijiet ta' għasel Ukren fil-Bulgarija u r-Rumanija.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

---

[F2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 15481/24**

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 1:** | **Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni fitosanitarja**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"Il-Polonja tqis li s-soluzzjonijiet stipulati fir-Regolament propost huma ġustifikati u għandhom il-valur miżjud mistenni. Għal din ir-raġuni, u fl-ispirtu ta' kompromess, il-Polonja tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament.

Madankollu, fil-fehma tal-Polonja, il-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz ta' Regolament għandu jkun usa' sabiex jiġu indirizzati bis-sħiħ il-problemi identifikati meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet eżistenti tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti. Fil-fehma tal-Polonja, huwa possibbli li jitnaqqas aktar il-piż fuq l-amministrazzjonijiet u l-operaturi mingħajr ma jiżdied ir-riskju fitosanitarju.

L-abbozz ta' Regolament ma eliminax bis-sħiħ il-kwistjoni tar-rakkomandazzjonijiet mhux fattibbli li saru lill-Polonja (DG (SANTE) 2021-7273) rigward in-notifika fis-sistema TRACES tar-riżultati tal-ispezzjonijiet tal-imballaġġ tal-injam użat għat-trasport ta' oġġetti mhux soġġetti għal kontrolli fitosanitarji fil-fruntieri, li jitwettqu barra mill-postijiet ta' kontroll fitosanitarji fil-fruntieri. Notifiki bħal dawn mhumiex possibbli fid-dawl tal-mod kif taħdem is-sistema TRACES. Il-Polonja għalhekk tistenna li l-Kummissjoni Ewropea ssolvi din il-kwistjoni b'mod urġenti permezz ta' miżuri mhux leġiżlattivi.

Il-Polonja tistenna wkoll li l-Kummissjoni Ewropea tressaq b'mod urġenti inizjattiva leġiżlattiva li teżerċita s-setgħa delegata tagħha biex tiddefinixxi derogi mill-obbligu li jinħarġu passaporti tal-pjanti għal ċerti oġġetti fil-każ ta' bejgħ permezz ta' kuntratti mill-bogħod."